# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 13 ta' Lulju 2018**

**Numru 5**
**Appell numru 154/2018**

***Signal 8 Security Services Malta Limited***
***(C54368)***

***v.***

***Executive Security Services Limited*;**
**l-Università ta' Malta; u**
**id-Direttur tal-Kuntratti.**

1. Dan huwa appell ta' *Signal 8 Security Services Malta Limited* ["l-appellanti"] minn deċiżjoni tad-19 ta' April 2018 tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ["il-Bord ta' Reviżjoni"], imwaqqaf taħt ir-Regolamenti tal-2016 dwar l-Akkwist Pubbiku ["L.S. 174.04"]. Il-każ quddiem il-Bord ta' Reviżjoni kien dwar oġġezzjoni tas-soċjetà *Executive Security Services Limited* ["*ESS Ltd*"] kontra deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla tal-Università ta' Malta illi tintlaqa' l-offerta tal-appellanti wara li saret sejħa għal offerti għal kuntratt pubbliku. Il-Bord

ta' Reviżjoni laqa' l-oġġezzjoni u ordna li l-għażla ssir mill-ġdid fid-dawl tad-deċiżjoni tal-bord.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: kienet saret sejħa mill-Università ta' Malta ["l-Università"] għal offerti "*for the provision of security services on the campuses of the University of Malta, tha Junior College and other University designated sites*". Saru bosta offerti, fosthom dawk tal-appellanti u ta' *ESS Ltd*. Lill-kumitat tal-għażla deherlu li l-offerta ta' *ESS Ltd* kellha xi nuqqasijiet u ma setgħetx titqies bħala vantaġġjuża; irrakomanda, minflok, li l-kuntratt jingħata lill-appellanti, u b'ittra tas-6 ta' Marzu 2018 id-Dipartiment tal-Kuntratti ["id-Dipartiment"] għarraf lil *ESS Ltd* b'dan.

3. *ESS Ltd* ressqet oġġezzjoni quddiem il-Bord ta' Reviżjoni b'ittra tal-14 ta' Marzu 2018. Il-Bord ta' Reviżjoni b'deċiżjoni tad-19 ta' April 2018 li minnha sar dan l-appell iddeċieda illi "*Executive Security Services Ltd's offer is to be re-assessed after taking into consideration this board's recommendations*". Il-bord fisser hekk id-deċiżjoni tiegħu:

> »This board,
>
> »Having noted this objection filed by *Executive Security Services Ltd* (hereinafter referred to as the Appellant[1]) on 16 March 2018[2], refers to the contentions made by [*ESS Ltd*] with regards to the award of Tender … … … awarded by the University of Malta (hereinafter referred to as the Contracting Authority).
>
> »… … …
>
> »Whereby the Appellant contends that:

[1] Biex ma tinħoloqx konfużjoni, billi għall-għanijiet ta' din is-sentenza l-appellanti hija s-soċjetà *Signal 8 Security Services Malta Ltd*, kull fejn fid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni tissemma "*the Appellant*" sejjer jitniżżel "*ESS Ltd*" minflok.

[2] L-ittra għandha d-data tal-14 ta' Marzu 2018 iżda ġiet preżentata quddiem il-Bord ta' Reviżjoni fis-16 ta' Marzu 2018.

»a) their offer was not awarded equitable marks during the evaluation process with regards to the "Direct Credit" system … … …;

»b) the same grievance refers to the items "Union Membership" and "Health and Safety Policy" as duly described in their submissions..

»The board also noted the Contracting Authority's letter of reply dated 8 April 2018 and its verbal submissions during the public hearing held on 10 April 2018, in that:

»a) the University of Malta insists that [*ESS Ltd*'s] submission did not include a representation of a "Direct Credit" system but rather bank transfers instigated by [*ESS Ltd*] to the employees' bank accounts;

»b) the Contracting Authority also maintains that [*ESS Ltd*] failed to submit a declaration that their employees were free to join a union;

»c) with regards to the Health and Safety Declaration, the document submitted by [*ESS Ltd*] was not signed.

»This board … …… opines that the contentions presented [*ESS Ltd*] merit consideration as follows:

»1. Direct Credit System

»[*ESS Ltd*] maintain that their submissions do conform with the requirements so dictated; yet, on the other hand, the University of Malta insists that [*ESS Ltd*'s] submission represented only instructions for bank transfers from the latter's bank account to the employees' accounts, the control of which lies at the discretion of [*ESS Ltd*].

»In this regard, this board would respectfully point out that the purpose of the inclusion of a "Direct Credit" system in the tender dossier is twofold, namely:

»(i) to ensure that employees are not paid in cash;

»In this regard, this board is in agreement with the fact that the employees should be paid through a payment direct from the bank system so that, apart from the issue of non-cash payment, trace of such payments can be easily monitored to safeguard the employee's working conditions.

»(ii) to ensure that funds are triggered by a bank and not by the employer.

»In this regard, the University of Malta insists that payments to employees through a direct credit system should be adopted so that such funds are triggered by a bank and not the employer.

»Regarding this particular issue, this board would respectfully point out that the "Direct Credit" system, with regards to wages and salaries, consists of instructions being given to the bank, by the employer, as to the amounts due to employees for each particular month.

»[*ESS Ltd*'s] payment method consisted of instructions being given to the bank to pay its employees with the amount dictated by the employer. In this respect, this board opines that both systems depend

upon the employer's instruction/discretion as to the amount so payable, and both systerns instruct the bank to make the necessary transfers of these amounts to employees' bank accounts. In both systems, which in the opinion of this board, there exist no difference [*sic*], except for the designation of the system itself. Both satisfy the objectives of the requisite so dictated in the tender dossier. In this regard, this board notes that the evaluation committee could not distinguish whether the transfer of wages was made from [*ESS Ltd*'s] account or from the personal account of the director, namely Mr Stephen Ciangura. However, in this respect, Mr Ciangura confirmed to this board, under oath, that funds to be transferred to the employees' accounts are effected through the company's account (the employer's account) and not from his personal account. In this respect, this board upholds [*ESS Ltd*'s] first grievance and opines that the marks awarded under "employment conditions" do not reflect objectively [*ESS Ltd*'s] submissions.

»2. Freedom of Employees to join a Trade Union

»With regards to [*ESS Ltd*'s] second contention, in that the employees should be free to join a union of their choice, this board would respectfully refer to the General Workers Union letter dated 22 Lugust 2016, wherein it was confirmed that the majoritv of [*ESS Ltd*'s] employees have joined the said union. At this stage of consideration, this board notes that the majority of the employees agreed to join the General Workers Union and this reflects that the employees, out of their choice and without undue duress, voted to join the said union and, at the same instance, no evidence or proof was presented to suggest otherwise. This board would also refer to the confirrnation issued by the same union an 22 August 2016 wherein the latter confirmed such membership. The fact that such confirmation is dated August 2016 does not imply, in any way whatsoever, that, as at the date of [*ESS Ltd*'s] submissions, employees did not have the opportunity to join a union of their choice. At the same instance, through a confirmation dated 17 August 2017, the union asserted that a collective agreement was concluded and this covered the period between 2017 and 2019.

»This board also took into consideration the fact that the majority of employees joined the General Workers Union so that there existed a minority of workers who opted not to join, and it is quite evident that all the employees had an option of whether to join or not the said union. At the same instance, this board would refer to the University of Malta's reason why [*ESS Ltd*] were disqualified. This stated:

> »"Employees were not given a choice but to enrol with the union currently having the majority of worleers at the company."

»In this respect, this board opines that such comment does not justifiably represent the actual situation with regards to the freedom which [*ESS Ltd*'s] employees enjoy to join a union of their own choice. At the same instance, this board was not presented with credible evidence that the said employees were precluded from joining a union of their choice. In this regard, this board upholds [*ESS Ltd*'s] second grievance and opines that the marks awarded to their offer, under the item "Entployntent Conditions", do not reflect the relatively deserved allocation.

»3. Health and Safety

»With regards to the health and safety issue, this board notes that the documentation submitted by [*ESS Ltd*] described the safeguards and policy which the latter adopts with regards to such a requirement. At this stage of consideration, this board would respectftrlly refer to the tenders' requirement, in that the tender dossier dictated the following:

> "Health and safety resources, (quality assurance assistance employed by the contractor to ascertain a good/safe working environment)"

»The reason given by the University of Malta for allocating low marks to the [*ESS Ltd*'s] offer under this item is that the document submitted by the latter was not signed.

»In this respect, this board would refer to the very objective of the ESPD [3] in that the latter replaces the requirement for economic operators to provide upfront evidence or certificates by allowing them to self-declare that they meet the relative criteria and, at the same time, reducing the administrative burden on economic operators so that small and medium sized enterprises can participate in public procurement.

»At the same instance, the ESPD does not exclude the mandatory submission of all documentation and certificates which are required, after the award of the contract for procurement, to a successful ebdder.

»This board, has noted in detail the submissions of [*ESS Ltd*] and is comfortably convinced that [*ESS Ltd*] had submitted more than sufficient information with regards to their policy and adherence to Health and Safety Regulations, and the fact that the documentation was not signed does not, in any substantial wsy, discredit the validity of adherence to such a requirement, as stipulated in the tender dossier.

»In this particular case, this board also took into consideration that this situation does not imply missing documentation but unsigned ones. At the same instance, this board also takes into consideration that it is a norm, under the European Single Procurement Document Conditions, that original and signed certificates/confirmations are to be provided after the award of the contract, as long as mandatory signed declarations are not so requested in the tender document which in this case are not. In this regard, this board upholds [*ESS Ltd*'s] third contention on this issue and opines that the allotted marks to their offer under health and safety do not reflect a true and fair assessment..

»In view of the above, this board:

»a) upholds the contentions made by [*ESS Ltd*];

»b) does not uphold the decision taken by the University of Malta in the award of the tender;

»c) orders that [*ESS Ltd*'s] offer is to be re-assessed after taking into consideration this board's recommendations;

3 "European Single Procurement Document".

»d) recommends that the deposit paid by [*ESS Ltd*] is to be fully refunded.«

4. *Signal 8 Security Services Malta Ltd* ["l-appellanti"] ressqet appell minn din id-deċiżjoni b'rikors tat-3 ta' Mejju 2018 li għalih id-Dipartiment wieġeb fis-16 ta' Mejju 2018, l-Università wieġbet fit-22 ta' Mejju 2018 u *ESS Ltd* wieġbet fit-23 ta' Mejju 2018.

5. L-ewwel aggravju l-appell huwa dwar tal-metodu ta' ħlas tal-impjegati, u jolqot il-kwistjoni (i) jekk il-ħlas isirx minn kont ta' *ESS Ltd* jew mill-kont privat tad-direttur tas-soċjetà u (ii) jekk is-sistema ta' ħlas huwiex wieħed ta' *direct credit* jew inkella "sempliċi" (kif tgħidlu l-appellanti) *bank transfer*. L-ewwel parti tal-aggravju ġiet imfissra hekk:

> »Id-dokumenti bankarji sottomessi mis-soċjetà *Executive Security Services Ltd* waqt it-*tendering stage* kienu nieqsa minn kull indikazzjoni dwar min huwa l-proprjetarju tal-kont bankarju li minnhom jinħarġu s-salarji tal-impjegati tagħha – huwiex il-kumpannija nniffisha, jew sempliċi individwu bil-kont privat tiegħu. Wieħed jifhem illi din kienet domanda importanti, għaliex l-awtorità kuntrattanti riedet tassigura illi l-impjegati utilizzati għall-kuntratti mogħtijin minnha jkunu imħallsa fil-ħin u bla ebda skossi. Jekk wieħed iħares lejn id-dokument bankarju, ma jistax ħlief jasal fl-istess konklużjoni illi wasal il-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta, illi d-dikjarazzjoni illi l-kont utilizzat kien tal-kumpannija ma ġietx sostnuta
>
> »… … …
>
> »F'dan il-każ, ġaladarba d-dokument provdut ma kienx isostni dak dikjarat, aġixxiet sewwa l-awtorità kuntrattanti meta għażlet li tnaqqas il-punti, għaliex waqt li qed tagħżel bejn l-offerti ma setgħet qatt ikollha s-serħan tal-moħħ meħtieġ illi s-salarju qiegħed joħroġ minn kont bankarju tal-kumpannija u mhux minn xi kont privat. X'ġie stabbilit wara, quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi u wara illi t-*tender* kien diġà deċiż, ftit li xejn jagħmel differenza. … … …
>
> »… … … il-Bord ta' Reviżjoni … … … ħass illi dil-kwistjoni ta' lil min jappartjeni l-kont minn fejn joħorġu l-ħlasijiet tal-ħaddiema jista' jsolviha billi jitlob, f'dak l-istadju (ta' appell), lid-Direttur ta' *Executive Security Services Ltd* biex jixhed u jikkonferma illi l-kont huwa tal-kumpannija! Filfatt, id-Direttur ta' *Executive Security Services Ltd* xehed u qal hekk.
>
> »Huma limitati ferm is-sitwazzjonijiet fejn nuqqas ta' dokument jew nuqqas ta' kjarezza f'dikjarazzjoni *at tender stage* tista' mbagħad tiġi emendata. Intqal fis-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja Ewropea C-

336/12 - Ministeriet for Forskning, Innovation og Videregående Uddannelser *v.* Manova A/Silli tal-10 t'Ottubru 2013 illi "l-awtorità kontraenti tista' titlob li d-data li tinsab f'tali applikazzjoni tiġi kkoreġuta jew ikkompletata fuq punti speċifiċi, sakemm tali talba tkun tirrigwarda dokumenti jew data, bħall-karta tal-bilanċ ippubblikata, li l-eżistenza tagħhom qabel l-iskadenza tat-terminu stabbilit għas-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet tkun tista' tiġi vverifikata oġġettivament".

»Hawnhekk, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi talab: (i) sempliċi dikjarazzjoni b'xiehda ta' Stephen Ciangura, liema xiehda żgur u qatt ma setgħet f'dak l-istadju tiġi verifikata oġġettivament (filfatt il-bord qagħad fuq dik ix-xiehda, u ibbaża d-deċiżjoni tiegħu fuqha, bla ma talab imqar dokument ieħor in sostenn ta' dik id-dikjarazzjoni); u (ii) dan fi stadju fejn kien altru minn skada t-terminu għas-sottomissjonijiet tal-applikazzjonijiet, tant li t-*tender* kien diġà ntrebaħ minn ħaddieħor.

»Kien żbaljat għalhekk il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi meta ammetta x-xiehda ta' Stephen Ciangura (direttur ta' *Executive Security Services Ltd*) f'dak l-istadju, u meta saħansitra ħassu sodisfatt bis-sempliċi konferma tiegħu – 'prova' li xxejjen t-trasparenza u l-kompetizzjoni, kif trid il-liġi Ewropea, kif interpretata mill-Qorti Ewropea tal-Ġustizzja.

»Qiegħed jingħad hekk għaliex, bil-mod kif ħadem, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ippermetta li min ma daħħalx id-dokumenti kollha kif mitlub jingħata ċans ieħor biex, fi stadju ta' appell, idaħħal dawk id-dokumenti nieqsa, bi preġudizzju għal min kien daħħal dak kollu mitlub minnu! Ħoloq b'hekk it-tieni stadju (jew opportunità) għas-sottomissjonijiet ta' offerti (stadju li fil-liġi ma jeżistix), li għalih ipparteċipat weħidha s-soċjetà *Executive Security Services Ltd* biss!

»Hawnhekk ma kinitx kwistjoni ta' sempliċi kjarifika minuri – tant filfatt illi l-awtorità kuntrattanti stess lanqas ħasset bżonn illi titlob kjarifika meta rċeviet id-dokumenti oriġinarjament; hawnhekk *si tratta* ta' rekwiżiti mhux sodisfatti u dokumenti essenzjali nieqsa li l-Bord ta' Reviżjoni ippermetta l-introduzzjoni tagħhom wara li l-proċess tat-*tendering* kien ilu li għalaq u l-*award* ġie rakkomandat li jingħata lis-soċjetà esponenti. Jiġi umilment sottomess illi meta allura aġixxa hekk, il-Bord ta' Reviżjoni dwar il-Kuntratti Pubbliċi ħoloq *tendering process* ġdid li fil-liġi ma jeżistix, biex jagħti ċans ieħor min suppost kellu jiġi skwalifikat! Meta għamel hekk, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi kien qiegħed jgħaddi l-messaġġ li r-rekwiżiti fit-*tender* ma jiswew xejn u min ma jonorahomx mhux talli ma kellux ibati l-konsegwenzi, talli jkun vantaġġjat fuq min ikun onorahom fiż-żmien!

»Il-Bord ta' Revizjoni dwar Kuntratt Pubbliċi b'hekk ħoloq preċedent illi jistieden l-abbużi; min ma jissodisfax ir-rekwiżiti tat-*tender* jista' kważi kważi jserraħ rasu li, jekk jappella, jimla t-toqob hemmhekk, quddiem il-Bord ta' Reviżjoni, bla ebda konsegwenza. Dan bi preġudizzju ċar għad-drittijiet ta' min ikun rebaħ it-*tender* u għal-liġijiet tal-kompetizz-joni. B'dan ir-raġunament, il-bord tal-evalwazzjoni tal-awtorità kuntratt-anti ġie reż kompletament impotenti, għaliex wieħed dejjem jifdallu l-fakultà li jsewwi n-nuqqasijiet tiegħu wara li d-dettalji tat-*tender* u l-offerti ta' ħaddieħor ikunu miftuħa!

»Tabilħaqq, min ma jkunx issodisfa r-rekwiżiti ikun filfatt jaqbillu illi jistenna l-appell biex idaħħal kwalunkwe dokument nieqes, għax ikun

> f'posizzjoni li jaf x'offra u x'issottometta minn rebaħ it-*tender*! Jingħad bir-rispett illi bid-deċiżjoni tiegħu, allura, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ħoloq preċedent ikrah illi jistultifika għal kollox il-garanziji ta' trasparenza, ugwaljanza u l-liġijiet tal-kompetizzjoni li jittentaw joħolqu l-*Public Procurement Regulations*.«

6. Qabel xejn għandu jingħad illi *ESS Ltd* kienet penalizzata mhux għax il-kumitat ta' għażla ma kienx sodisfatt li l-ħlas kien sejjer isir minn kont bankarju tas-soċjetà iżda għax deherlu li ħlas minn kont tas-soċjetà lill-kontijiet tal-impjegati ma jitqiesx ħlas bil-mezz ta' *direct credit*. Fir-rapport tad-Dipartiment jingħad hekk:

> »Bidder submitted copy of statement showing bank transfer from an account to individuals and not by a direct credit system.«

7. Jidher għalhekk illi n-nuqqas allegat f'din il-parti tal-aggravju ma kienx raġuni għala *ESS Ltd* kienet penalizzata fl-għoti tal-marki.

8. Fil-meritu, kien ikollha raġun l-appellanti li kieku *ESS Ltd* kisbet xi vantaġġ kompetitiv meta tħalliet tippreċiża quddiem il-Bord ta' Reviżjoni li l-ħlas isir minn kont tagħha u mhux mill-kont personali tad-direttur. B'hekk ma ħaditx vantaġġ bħal meta ma tagħtix tagħrif dwar il-prezz ta' xi partita tal-offerta biex imbagħad titħalla tagħti dak it-tagħrif meta tkun taf x'kienet l-offerta ta' ħaddieħor u hekk tkun tista' toffri prezz li tkun taf li hu aħjar. Fil-każ tallum kull ma għamlet *ESS Ltd* kien illi ikkonfermat illi sejra toqgħod għal kondizzjoni partikolari tas-sejħa għal offerti; b'hekk ma ħadet ebda vantaġġ kompetitiv.

9. Din il-parti tal-aggravju għalhekk ma tistax tintlaqa'.

10. Fit-tieni parti tal-aggravju l-appellanti tgħid illi s-sistema ta' ħlas magħżul minn *ESS Ltd* ma huwiex sistema ta' *direct credit* kif riedet is-sejħa għal-offerti:

> »… … … fit-*tender* intalab biex l-offerenti jagħtu evidenza ta' sistema ta' ħlas b'*direct credit*. Dan għal raġunijiet evidenti – biex jiġi assigurat illi l-impjegati jitħallsu dejjem, b'mod li ma jistax jiġi ikkontestat, u fil-ħin. Waqt it-*tendering process*, imkien ma kien hemm dokument u/jew prova oħra li *Executive Security Services Ltd* kellha din is-sistema *in place* – u għalhekk, dwar dan hija tilfet il-punti. Għal darb'oħra, bi ksur tal-prinċipji diskussi aktar 'il fuq f'dan l-appell, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi ħass illi jkun biżżejjed illi hemmhekk u dak il-ħin jitlob kjarifika mingħand id-direttur tas-soċjetà *Executive Security Services Ltd*, li qal li huwa jħallas is-salarji billi jagħmel *bank transfer* wieħed wieħed, hu, manwalment, lill-impjegati. Dwar dan, jiġi mtenni dak li ngħad diġà, u *cioè* illi li jiswa huwa dak li kellu l-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta quddiemu waqt li kien qiegħed jevalwa t-*tenders*, u mhux x'ġie kjarifikat lill-bord wara, meta l-proċess tal-għażla kien prattikament diġà lest.
>
> »Però lil hinn minn dan (u mingħajr ħsara għas-suespost), fid-deċiżjoni tiegħu l-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jirrimarka li huwa kien sodisfatt bl-ispjegazzjoni mogħtija u li ma jarax xi differenza bejn is-sistema ta' *direct credit* mitluba fit-*tender* u dik ta' *bank transfers* manwali mħaddma minn *Executive Security Services Ltd*, anke *vis-à-vis* d-dritt tal-ħaddiem kif imfisser hawn fuq.
>
> »B'kull rispett, jingħad illi ż-żewġ sistemi huma kompletament differenti, u jagħtu livelli ta' garanziji differenti, u huwa inkoċepibbli kif il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi donnu għalaq għajnejh għal dawn id-differenzi – speċjalment f'kuntest tad-drittijiet tal-impjegati, li wara kollox hija r-raġuni prinċipali għalfejn intalbet sistema u mhux oħra.
>
> »Is-sistema tad-*direct credit* hija kuntratt taħt l-istitut tal-mandat b'sistema li taħdem hekk: wieħed jiggarantixxi mal-bank ċertu stabbilità finanzjarja, u jagħti struzzjonijiet (u *cioè* l-mandat) lill-bank biex fl-aħħar tax-xahar, f'ħin preċiż skedat, iħallas hu lill-impjegati fl-ammonti mogħtija lilu. L-uniku intervent tal-kumpannija li tħaddem ikun illi tagħti l-lista tal-ammonti, u t-tħaddim manwali jieqaf hemmhekk. Bħala eżempju, fil-*guidelines* tiegħu, il-Bank of Valletta jispjega s-sistema hekk: "*The payment is made by the Bank to the person or company to whom the payment is due (called 'the Creditor'). You (the "Debtor") authorise the Creditor to collect the payment from the Bank*".[4] Fuq kollox, il-*payor* ma tibqax il-kumpannija li tħaddem iżda jsir il-bank nniffsu, li jkun awtorizzat minn qabel jaġixxi abbażi tal-mandat kontinwu tal-kumpannija li tħallas is-salarji. Apparti dan, biex din is-sistema tiġi introdotta, lill-bank irid jingħatalu livell ta' serħan tal-moħħ finanzjarju, li finalment jiġi tradott f'livell ta' serħan tal-moħħ tal-impjegat, li jaf li invarjabbilment se jitħallas mill-bank f'kull xahar fit-tali

4 »https://www.bov.com/documents/sepa-direct-debits; hawnhekk titkellem fuq '*debit*', li prattikament hija l-istess ħaġa.«

ġurnata preċiża. Jekk imbagħad min iħaddem ma jagħtix l-istruzzjonijiet dwar l-ammonti, isofri konsegwenzi bankarji, inklużi *banking charges* u *credit rating drops*, fost l-oħrajn.

»Min-naħa l-oħra, is-sistema manwali eżerċitata minn *Executive Security Services Ltd* hija totalment differenti; waħda li ċertament ma toffrix tali garanzija, iżda jħoll u jorbot jekk fl-aħħar ta' kull xahar, u f'jum li jiftillu, rappreżentant tal-kumpannija jidhirlux li għandu jpoġġi bilqegħda, fiżikament, u jagħmel il-pagamenti hu wieħed wieħed lil kull impjegat. Dan kollu ġie spjegat lill-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi waqt is-seduta mill-konsulent legali tas-soċjetà esponenti, iżda dan l-intervent la ġie reġistrat, u lanqas ikkunsidrat fid-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi.

»Allura, id-differenza bejn iż-żewġ sistemi hija evidenti, u huwa inkonċepibbli kif il-Bord ta' Reviżjoni irrifjuta illi jagħrafha.

»Hu x'inhu, wieħed irid jara x'intalab fit-*tender*. Fit-*tender* intalbet prova li speċifikament titħaddem is-sistema ta' *direct credit* u mhux xi sistema oħra. Huwa b'dik is-sistema illi l-Università ta' Malta kienet isserraħ moħħha dwar id-dirttijiet tal-impjegati. Imkien fis-sottomissjonijiet tad-dokumenti da parti tas-soċjetà *Executive Security Services Ltd* ma hemm forma ta' indikazzjoni jew dokument illi juri illi s-sistema tal-ħlas tal-impjegati użata minnha hija dik mitluba fit-*tender* (*direct credit*). Tabilħaqq, waqt is-smigħ tal-appell quddiem il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi, irriżulta illi s-sistema hija kontra ta' dik mitlub fit-*tender*, u *cioè* sistema fejn il-pagamenti magħmula huma totalment manwali mill-bidu sal-aħħar u jiddependu kompletament fuq il-volontà tal-kumpannija li tħallas. Dan ġie ammess.

»Allura, fiċ-ċirkostanzi, ma hemm l-ebda dubju illi r-rekwiżit tat-*tender* ma ġiex sodisfatt. Tabilħaqq, hija l-fehma tal-esponenti illi tant is-sistema mħaddma minn *Executive Security Services Ltd* kienet differenti minn dak mitlub, illi saħansitra kien hemm lok li din is-soċjetà titqies *non-compliant* u l-offerta tagħha tiġi skwalifikata. Meta l-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta għażel biss li jnaqqas il-punti (flok jordna l-iskwalifika), huwa kien qiegħed ikun prudenti f'ċirkostanzi fejn seta' faċilment ħa miżuri ferm aktar drastiċi.

»Għalhekk, ma setax aktar u aktar il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi jiddeċiedi minn rajh illi s-sistema manwali hija tajba xorta waħda u allura r-rekwiżit fit-*tender* ġie sodisfatt, meta huwa ċar li dak li ntalab kien xi ħaġa totalment differenti.«

11. Fit-tweġiba tagħha l-Università wkoll essenzjalment ittenni dak li tgħid l-appellanti dwar xi jfisser *direct credit*.

12. Il-ħtieġa għal ħlas lill-impjegati b'sistema ta' *direct credit* toħroġ mid-dokument tas-sejħa għal offerti, taħt *Tenderer's technical offer (organisation and methodology)*, para. d, *employment conditions*, fejn jingħad illi "*wages are paid by direct credit*"; toħroġ ukoll mill-

*evaluation grid* mehmuża bħala para. 9.3 tal-*instructions to tenderers* li tgħid hekk: "*Wages are paid by direct credit (mandatory)*".

13. Il-kwistjoni issa hi xi jfisser "*direct credit*".

14. Il-Bank Ċentrali Ewropew ma jagħtix tifsira ta' *direct credit*: jagħti, minflok, tifsira ta' *direct debit* u ta' *credit transfer*:

| | |
|---|---|
| »Direct Debit | A payment instrument for the debiting of a payer's payment account whereby a payment transaction is initiated by the payee on the basis of authorisation given by the payer.[5] |
| »Credit Transfer | A payment instrument allowing a payer to instruct the institution with which its account is held to transfer funds to a beneficiary.[6]« |

15. Is-sistema użat mill-appellanti ma huwiex ta' *direct debit* għax is-sistema ta' ħlas ma huwiex wieħed "*initiated by the payee*", bħal meta min għandu jħallas jagħti struzzjonijiet lill-bank biex, meta l-bank jirċievi talba għal ħlas mingħand il-kreditur, il-bank iħallas direttament fil-kont tal-kreditur; aktar jixbah is-sistema ta' *credit transfer* għax huwa d-debitur li jagħti struzzjonijiet biex il-bank jittrasferixxi flus mill-kont tiegħu għal dak tal-benefiċjarju.

16. Il-problema nħoloq għax fid-dokument ta' sejħa għal offerti ma ntuża ebda wieħed minn dawn it-termini tekniċi b'tifsira uffiċjalment aċċettata: intuża terminu ieħor – *direct debit* – li ma huwiex imfisser b'mod awtorevoli. U lanqas ma hu minnu illi, kif tgħid l-appellanti, *direct credit* u *direct debit* huma "prattikament l-istess ħaġa" għax hemm differenza fil-persuna ta' min irid jieħu l-inizjattiva biex isir il-

5 http://www.ecb.europa.eu/home/glossary/html/act6d.en.html#330

6 http://www.ecb.europa.eu/home/glossary/html/act6c.en.html#319

ħlas. Wara kollox, lanqas is-sistema ta' ħlas deskritt fir-rikors tal-appell ma hu sistema ta' *direct debit* għax ma huwiex "*initiated by the payee*". Ikun sistema *initiated by the payee* meta, per eżempju, tagħti struzzjonijiet lil *ARMS Ltd* – f'dak il-każ il-*payee* – biex din tibgħat il-kont tad-dawl u ilma direttament lill-bank, u tagħti wkoll struzzjonijiet lill-bank biex kull meta jirċievi kont mingħand *ARMS Ltd* dak il-kont iħallsu billi jittrasferixxi flus direttament mill-kont tiegħek għall-kont ta' *ARMS Ltd*. Fil-każ tallum ma huwiex l-impjegat li jibgħat il-*payroll list* lill-bank, u hekk il-ħlas ikun "*initiated by the payee*", iżda jibgħatha min iħaddem.

17. Fil-fehma tal-qorti t-terminu "*direct credit*" ma huwiex preċiż biżżejjed biex ifisser biss u speċifikament is-sistema mfisser fir-rikors tal-appell u fit-tweġiba tal-Università. *Direct credit* jista' ifisser illi l-ħlas isir direttament billi jiġi kreditat – appuntu *direct credit* – il-kont tal-benefiċjarju bla ħtieġa ta' intervent tal-benefiċjarju: isirx bi *standing order* jew awtomatikament mill-bank jew fuq struzzjonijiet kull darba tad-debitur ma jibdilx il-fatt illi l-ħlas isir direttament ġol-kont tal-benefiċjarju, u mhux permezz ta' ħlas bi flus kontanti jew b'*cheque*, li jkun jeħtieġ intervent tal-benefiċjarju biex il-ħlas jidħol fil-kont tiegħu. Jekk l-Università riedet is-sistema speċifiku mfisser fir-rikors tal-appell, ma fissritx sew din il-ħtieġa bl-użu tat-terminu *direct credit* bla ma tat tifsira aktar preċiża u speċifika ta' x'riedet, u ma jkunx xieraq illi l-oblatur jiġi penalizzat minħabba dan in-nuqqas ta' preċiżjoni fis-sejħa għal offerti.

18. Din it-tieni parti tal-ewwel aggravju wkoll għandha tiġi miċħuda.

19. It-tieni aggravju jolqot il-kwistjoni jekk l-impjegati humiex ħielsa li jissieħbu ma' *union* tal-għażla tagħhom, u ġie mfisser hekk:

> »Fl-offerta tagħha, is-soċjetà *Executive Security Services Ltd* ma tatx ħjiel ta' prova li verament l-impjegati kollha – sal-anqas impjegat – kellhom id-dritt illi jissieħbu f'liema *trade union* iridu. Ġabu biss ittra (datata sena u nofs qabel is-sottomissjoni tal-offerta) li tgħid illi aktar min-nofs l-impjegati kienu issieħbu mal-*General Workers Union*. Fid-deċiżjoni tiegħu, il-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi qies illi "*this reflects that the employees, out of their choice and without undue duress, voted to join the said union and at the same instance, no evidence or proof was presented to suggest otherwise*".
>
> »B'kull rispett, is-soċjetà esponenti tqis illi dawn huwa argument loġikament fallaċi u wieħed *non sequitur*. Is-soċjetà esponenti ma tistax tifhem kif u b'liema mod din l-ittra b'xi mod tirrifletti xi assikuranza illi jekk impjegat – imqar wieħed – ried imur ma' *trade union* oħra, huwa seta' liberament jagħmel dan. Liema parti minn l-ittra setgħet tiftehem hekk? Liema parti mill-ittra setgħet isserraħ ras il-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta illi filfatt kien hemm din il-libertà? Anke r-raġunament tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi illi "*no evidence or proof was presented to suggest otherwise*", donnu jimplika illi malli rċieva l-offerta kien jispetta lill-bord ta' evalwazzjoni fi ħdan l-Università ta' Malta illi jipprova li ma hemmx il-libertà tal-impjegati kollha illi jissieħbu ma' liema *trade union* iridu kif intalab fit-tender! B'kull rispett, l-awtorità kuntrattanti (f'dan il-każ l-Università ta' Malta) ma kellha r-responsabbiltà tipprova xejn. Fi kliem *Sanchez-Graells*, fl-istadju ta' *tendering* huwa l-offerenti li jrid juri li jissodisfa r-rekwiżiti mitluba fit-*tender*, u mhux bil-kontra!
>
> »Setgħet tiġi esibita dikjarazzjoni, estratt mill-kuntratti ta' impjieg, estratt minn xi *policy* miktuba tal-kumpannija, jew għadd ta' dokumenti oħra. Setgħet tiġi esibita xi ħaġa li turi li impjegat wieħed li ma jaqbilx mal-għażla tal-maġġoranza seta' jagħmel kif jixtieq. Xejn minn dan ma ġie esibit.
>
> »Huwa għal kollox irrelevanti ma' min qiegħda imsieħba l-maġġoranza tal-impjegati; id-domanda li għamlet l-Università ta' Malta kienet: jekk impjegat wieħed *ma riedx* jisseħeb mal-*General Workers Union*, seta' jissieħeb ma' ħaddieħor? Bl-ittra sottomessa fl-offerta ta' *Executive Security Services Ltd*, l-Università ta' Malta setgħet tkun moħħha mistrieħ li jekk membru wieħed xtaq imur ma' ħaddieħor, huwa seta' jagħmel hekk?
>
> »B'kull rispett għalhekk, ir-raġunament tal-Bord ta' Reviżjoni dwar Kuntratti Pubbliċi illi ġaladarba hemm nofs l-impjegati imsieħba mal-*General Workers Union* ifisser bilfors illi l-impjegati kollha (sal-anqas wieħed) setgħu jissieħbu ma' min riedu huma, huwa raġunament li ma jagħmilx loġika u li b'hekk, għandu jiġi mibdul.«

20. Il-fatt illi l-"maġġoranza" tal-impjegati – u mhux l-impjegati kollha – huma msieħba ma' *trade union* partikolari ġà waħdu jfisser illi ma hemm ebda obbligu fuq l-impjegati li jissieħbu ma' dik il-*union*. Tassew illi l-prova kienet tkun aktar sħiħa li kieku l-appellanti issottomettiet ukoll ittra mill-*union* li tirrappreżenta lill-minoranza biex tikkonferma li hemm impjegati msieħba magħha, iżda din kienet ħaġa li setgħet tiġi iċċarata b'talba għal kjarifika.

21. Barra minn hekk, hija l-liġi stess li tagħti d-dritt lil kull impjegat – ħlief biss dawk imsemmija fl-art. 67 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali ["Kap. 452"] – li jissieħeb fi *trade union* tal-għażla tiegħu u għalhekk, fin-nuqqas ta' indikazzjoni li l-appellanti tinqeda b'mezzi ta' dissważjoni biex ixxekkel il-libertà tal-impjegati tagħha li jissieħbu fi *trade union* jew biex jissieħbu biss ma' *trade union* partikolari, għamel sew il-Bord ta' Reviżjoni li qaleb id-deċiżjoni tal-kumitat tal-għażla dwar dan il-kriterju.

22. L-aħħar aggravju jolqot il-kwistjoni tas-saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol, u ġie mfisser hekk:

> »Fit-*tender*, l-awtorità kuntrattanti (l-Università ta' Malta) talbet informazzjoni dwar il-*Health and Safety Resources* tal-offerenti. Kull ma riedet huwa li tieħu idea aktar ċara tal-*policies* ġenerali u standard tas-saħħa u s-sigurtà illi jħaddan b'mod ġenerali l-offerent, u li jkunu *in vigore* il-ħin kollu. Naturalment, dawn eventwalment jiġu tradotti f'*health and safety plans* dettaljati u strutturati għall-mansjoni speċifika tax-xogħol. Dan ma sarx. Għaldaqstant, kien korrett il-bord ta' vvalwazzjoni tal-Università ta' Malta illi naqqas il-marki fil-partita relevanti għal dan.«

23. L-appellanti kienet ippenalizzata fuq il-kriterju ta' saħħa u sigurtà fuq il-post tax-xogħol għax id-dokument relativ sottomess minnha ma kienx iffirmat.

24. Dwar dan ukoll, kull ma kien meħtieġ kienet kjarifka: li tassew illi l-appellanti kienet qiegħda tintrabat bid-dokument sottomess minna billi tiffirmah. B'hekk ma tkunx qiegħda tibdel il-kondizzjonijiet tal-offerta u ma tkun qiegħda tieħu ebda vantaġġ kompetitiv.

25. Dan l-aħħar aggravju wkoll għalhekk għandu jiġi miċħud.

26. Ir-raġunijiet li wasslu biex l-appellanti ġiet penalizzata fil-għoti tal-marki ma għandhomx mis-sewwa u ma humiex ta' relevanza għall-għanijiet tat-trasparanza tal-offerti. Għamel sew għalhekk il-Bord ta' Reviżjoni li ordna li l-proċess tal-għażla jsir mill-ġdid fid-dawl tal-konklużjonijiet li wasal għalihom l-istess bord.

27. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u tikkonferma d-deċiżjoni tal-Bord ta' Reviżjoni.

28. L-ispejjeż jinqasmu hekk: nofs (½) l-ispejjeż tħallashom l-appellanti u n-nofs (½) l-ieħor iħallsuhom id-Dipartiment u l-Università flimkien.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb